F'għomri ma niftakarx li kelli okkażjonijiet ta' tferfir u twerwir il-qalb. Iżda nkun giddieb jekk ngħid li fuq l-għatba tal-bieb ta' barra tiegħi ma kontx imwerwer kif qatt ma kont imwerwer qabel. Kont sa nieħu ġirja għat-taraġ għal fuq biex naqbeż il-kamra tal-ikel. Iżda ma flaħtx u ma tanix li nagħmel hekk. Aħjar imwerwer kif kont, nara sew l-affari x'kienet milli nibqa' mwerwer tul għomri minn ħaġa li ma nafx x'inhi. Għadda minn rasi l-qawl Ingliż: **"Take the bull by the horns . . ."** Għedt **Ave Maria,** dħalt fil-kamra tal-ikel, u mherwel sibt is-switch tal-elettriku u xgħelt.

Xejn u kollox kif ħallejnieh filgħaxija. Imma l-**Bum, bum, bum,** kien għadu għaddej, issa inqas qawwi minn qabel minn dak il-kexxun tal-armarju fejn kont ħallejt l-ikona . . . Ma stajtx ma niftakarx mill-ġdid fil-kliem tax-Xiħa: "Qies li l-ikona tħalliha fil-miftuħ, jekk jista' jkun biż-żejt jixgħel dejjem quddiemha . . . Għax tibda tħabbat sakemm tiftħilha u ttik qatgħa li għandha ġġennek." Mela r-rimedju kien f'idejja; iftħilha u naraw x'jiġri!

Tiftaħ kexxun! Ħaġa ħafifa la ma jkunx imsakkar . . . ħaġa ta' xejn . . .

Iżda l-waħx rabatni mal-art, kemm kemm stajt nasal sal-armarju **Bum, bum, bum;** min jaf kienx sa joħroġ xi ħaġa ttir malli niftaħ l-armarju? Jekk ħwejjeġ bħal dawn kienu possibbli, fejn ser naslu? Fejn il-bidu u fejn it-tmiem? La dan il-**bum, bum, bum,** kien minnu, minnu wkoll kien is-Sopranatural u dan kien fenomenu ta' dak li r-raġuni ma kinetx u ma setgħetx tifhem. Għaddew minn rasi l-kliem ta' Macbeth:

**"I dare do all that may become a man,**
**Who dares do more, is none."**

f'ċirkustanzi mhux għal kollox diversi.

Iżda fl-aħħar il-biża' nnifsu ġegħilni nitħarrek. Għax, kif jgħid l-Isqalli: **"Cattivu passu, passarlu prestu"** u kif qal lil Ġuda: "li għandek tagħmel, agħmlu malajr . . . " Maħsul bil-għaraq kif kont, qbiżt qabża u sibt ruħi quddiem l-armarju. B'idi qbadt il-pum tal-kexxun, tbaxxejt u ftaħt. Il-**bum, bum, bum** waqaf f'daqqa u għal kollox! Mill-kexxun ma ħareġ xejn. Fil-kamra waqgħet sikta li ġegħlitni nlissen "għall-erwieħ!" Bil-ftit il-ftit il-kuraġġ reġa' ġie. Qomt u ħarist ġol-kexxun. L-ikona kienet qiegħda fejn u kif ħallejtha, imgeżwra fil-karta tagħha. Ħallejt il-kexxun miftuħ; l-ikona ma missejthiex.

B'ġirja ħafifa tlajt fil-kamra tas-sodda u erġajt għal ġos-sodda nistrieħ . . .

Iżda fis-sitta ta' filgħodu kont qed inqabbad il-karrozza biex naħrab minn San Pawl bl-ikona b'kollox. Fis-6.30 kont qed inħabbat



il-bieb tax-Xiħa. Malli ratni u rat il-qartas f'idejja, qaltli: "Ehh ma ftaħtilhiex! Jien għedtlek. Ma jimpurtax; tihieli mill-ġdid; jekk trid prezzha erġa' għaddili minn hawn u xahar ieħor għax il-flus li tajtni ilhom li għosfru . . . " Jiena flus ma ridtx. Li ridt kien li neħles minnha malajr kemm jista' jkun u la x-Xiħa riditha lura kont l-iktar raġel ferħan li kien hawn Malta dak in-nhar.

Issa li għaddew l-isbaħ għaxar snin minn dak in-nhar u li ktibt din il-ġrajja li fiha ma hemm l-ebda kelma li mhix il-verità u xejn ħlief il-verità (ħlief id-dettalji li jirrigwardaw lix-Xiħa u x-xiri), qiesni kont fuq il-pedana tax-Xhieda fil-Qorti, qed igħaddili minn rasi: Li kieku dik ix-Xiħa kellha toffrili dik l-ikona b'xejn illum, x'nagħmel? Neħodha? Ma nafx! avvolja fis-sala tiegħi għad hemm post tajjeb ħafna għaliha

* * * *

## Illum il-Poeżija...

PAWLU MIFSUD

Illum il-poeżija nistħajjilha
tfajla moderna ħelwa,
ftit fuq tagħha;
jekk din tkun liebsa sew,
libsa ta' ġmiel u rżina
li ġġorr is-safa magħha,
tgħaddi min-nofs it-triq
u tibqa' w'ħidha,
ma jħares lejha ħadd.
ftit jagħtu kasha;
'ma 'kk taħsel tixref barra,
mingħajr mistħija xejn,
għarwiena ħuta
u nieqsa minn kull deh'n,
imneżżgħa minn kull ġieh,
issib mixħuta fuqha
eluf u eluf t'għajnejn
jitgħaxxqu biha,
kulħadd miġnun warajha.

U dlonk jagħtik tistaqsi:
fadal fid-dinja tagħna
min hu nadif u għaqli?
min jaf iduq u jagħraf
il-benna u t-tjubija
ta' xi tkun poeżija?